MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 31 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1706/1999/1

**Rose Clasby mart William Patrick Clasby f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Kyle Clasby u Anthony Satariano, u dan b'digriet tal-lum 31 ta' Ottubru 2002.**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u PL Juliana Scerri Ferrante li b'digriet moghti fl-10 ta' Settembru 1999 gew nominati bhala Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Patrick William Clasby; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) l-attrici kellha tarbija li nghata

isem Kyle Clasby, liema twelid gie iskritt fir-Registru Pubbliku permezz ta' certifikat tat-twelid li jgib in-numru tliet elef, tliet mija u hamsa u disghin tal-istess sena (3395/97) (Dok. "A");

Illi kif jidher ukoll mill-istess certifikat hemm dikjarat fil-kolonna ntestata bhala *"Missier it-Tarbija"* l-isem u kunjom tal-konvenut William Patrick Clasby;

Illi l-attrici u l-konvenut William Patrick Clasby ilhom separati *"de facto"* minn Mejju tas-sena elf, disa' mija u sitta u disghin (1996) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-attrici u l-attur Anthony Satariano kienu qeghdin jikkoabitaw u l-istess Anthony Satariano huwa l-missier naturali tal-minuri msemmi kif jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni;

Illi l-konvenut William Patrick Clasby ma kienx qed jikkoabita mal-attrici fit-terminu preskritt bil-Ligi qabel it-twelid tat-tarbija bejn il-perjodu ta' tliet mitt (300) gurnata sal-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tat-tifel kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi wkoll li l-minuri Kyle Clasby huwa mrobbi bhala iben l-attur Anthony Satariano kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk l-istat tieghu mhuwiex in konformita` mal-att tat-twelid (Dok. "A");

Illi l-istess atturi talbu lil din il-Qorti sabiex prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji:

1. Tiddikjara li l-attur Anthony Satariano hu l-missier naturali tal-minuri Kyle Clasby li twieled fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena 1997 (Dok "A") u dan in sostituzzjoni tal-konvenut William Patrick Clasby;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmija (Dok "A") fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif ta' missier it-tarbija billi jindika f'dawn il-paragrafi

b'sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom, dak kollu li tordnalu din l-istess Qorti billi jigu nseriti minflok isem u kunjom Anthony Satariano bhala missier it-tarbija, u d-dettalji rigwardanti l-professjoni, mestier jew stat iehor, eta', twelid u residenza u isem u kunjom u dettalji ta' missier l-istess Anthony Satariano fil-kolonni appositi u korrezzjonijiet ohra opportuni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors tal-atturi Rose Clasby u Anthony Satariano datat 23 ta' Lulju 1999 fejn talbu li jigu nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-assenti Patrick William Clasby fil-kawza premessa.

Rat id-digriet sussegwenti tal-10 ta' Settembru 1999 fejn gew nominati l-avukat Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala kuraturi ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-rikors ta' Rose Clasby tat-23 ta' Lulju 1999 fejn talbet li tigi nominata bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri Kyle Clasby ghall-finijiet tal-kawza u fl-atti kollha relatati u konsegwenzjali.

Rat id-digriet taghha ta' llum stess, formanti parti minn din is-sentenza fejn laqghet it-talba tal-attrici.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-28 ta' Marzu 2000 a fol. 24 u 25 fejn gie eccepit:

1. Illi l-att tat-twelid numru 3395/1997 relattiv ghall-minuri Kyle Clasby gie redatt korrettement skond il-ligi u jirrifletti l-istat legittimu tal-wild fl-epoka tat-twelid;

2. Fil-mertu illi f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet ghandhom jigu michuda *stante* li dawn ma jinkwadrawx ruhhom fi hdan il-provvedimenti tal-Kodici Civili;

4. Illi *inoltre* u bla pregudizzju ghas-suespost, ghas-success tal-azzjoni odjerna tinhtieg il-prova tal-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn l-attrici Rose Clasby u l-konvenut zewgha Patrick Clasby fil-perjodu tal-probabbli koncepiment tat-tarbija;

5. Illi wkoll bla pregudizzju ghandhom jinhatru kuraturi ndipendenti sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Kyle u dan sabiex jigi evitat kwalunkwe konflitt ta' nteress;

6. Illi bla pregudizzju, l-attur Anthony Satariano kien messu specifika d-dettalji personali li huwa qieghed jitlob li jigu nseriti fl-att tat-twelid in kwistjoni, *oltre* l-fatt li f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, Anthony Satariano ghandu jigi ndikat bhala *"missier illegittimu"*, kif ukoll ghandhom jigu kancellati l-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm;

7. Illi *inoltre* u bla pregudizzju, kawzi bhal dawn fejn ikun qieghed jintalab bdil fl-istat legittimu ta' wild huma ta' natura delikata hafna *stante* li jekk tali bdil jigi akkordat ser ikollu effett irriversibbli fuq il-hajja tal-minuri bil-konsegwenzi kollha legali, morali u socjali li din il-bidla ggib maghha, u huwa ghalhekk li jinhtieg li kwalunkwe prova li titressaq tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li ssemmi l-attrici minn ma' zewgha hija separazzjoni *"de facto"* u mhux *"de jure"*;

8. Illi in vista tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid mertu tal-kawza odjerna huma ghal kollox estranei ghall-esponent, huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;

9. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 26 u 27 tal-process.

Rat in-nota l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Avukat Dottor Tonio Azzopardi u P.L. Juliana Scerri Ferrante *nomine* tat-28 ta' Marzu 2000 a fol. 29 fejn gie eccepit:

1. Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirriservaw li jissollevaw l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri.

2. Illi preliminarjament jehtieg li ssir in-nomina ta' kuraturi ndipendenti biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri.

3. Illi in kwantu l-atturi Rose Clasby u Anthony Satariano qeghdin jitolbu dikjarazzjoni li l-minuri twieled barra z-zwieg, din l-Onorabbli Qorti ghandha tesigi li ssir l-aqwa prova dwar il-paternita`, u din hija l-prova tad-D.N.A. Testing.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Avukati Dottor Tonio Azzopardi u P.L. Juliana Scerri Ferrante *nomine* a fol. 30 tal-process.

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju 2000 fejn il-Qorti nnominat bhala Assistenta Gudizzjarja lil Dr. Monica Borg Galea; u tal-20 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota tal-attrici tal-20 Marzu 2001 li permezz taghha esebiet affidavit ta' Anthony Satariano.

Rat il-verbal tat-2 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota tal-attrici datata 25 ta' Mejju 2001 fejn esebiet affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 2001.

Rat ir-rikors tal-attrici tad-29 ta' Jannar 2002 fejn talbet in-nomina tal-Espert Forensiku Christopher Farrugia sabiex jigbor il-provi tad-D.N.A. dwar il-paternita` tal-minuri u jirrapporta r-rizultati tieghu lil din l-Onorabbli Qorti bil-fakoltajiet soliti kollha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-4 ta' Frar 2002 fejn laqghet it-talba a spejjez provizorjament tal-attur.

Rat il-verbali tal-21 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-20 ta' Gunju 2002 fejn deher il-Perit Xjentifiku Christopher Farrugia u halef ir-rapport. Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-atturi rrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea u ddiferiet il-kawza ghal sentenza in difett ostacolo ghall-31 ta' Ottubru 2002.

Rat ir-relazzjoni tal-Espert Xjentifiku.

Rat in-nota tal-kuratur Dr. Tonio Azzopardi datata 22 ta' Lulju 2002 fejn espona illi huwa qed jaccetta r-rizultati tad-D.N.A. Testing minn fejn gie kkonfermat li l-minuri huwa iben l-istess Anthony Satariano, u *inoltre* ddikjara li huwa jaqbel illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi ghas-sentenza dwar it-talbiet attrici, *purche'* l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' l-esponent bhala kuratur ikunu a karigu ta' l-atturi.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistenta Gudizzjarja.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**<u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>**

Illi l-attrici f'isimha proprju u ghan-nom tal-istess minuri qed jitlobu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li l-minuri Kyle li twieldet fl-4 ta' Ottubru 1997 ma hijiex l-bint naturali tal-konvenut assenti William Patrick Clasby u li,

konsegwentement tordna li fic-certfikat tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 3395/1997, l-istess William Patrick Clasby ma jigix indikat bhala missierha, izda minfloku jidher li l-missier tal-istess minuri huwa l-attur Anthony Satariano, li qed jaghmel il-kawza wkoll bhala attur, *stante* li qed isostni li huwa missier tal-istess minuri.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilta` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attrici qed tippretendi li dak li kien zewgha ma huwiex il-missier tal-istess minuri hija u wkoll l-istess minuri ghandhom interess li jaghmlu din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-dispozizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*"(1) Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma' l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll fil-hajja tieghu , hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi, hekk ghandu jigi rikonoxxut.

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar dispozizzjoni analoga tal-Kodici Taljan ………..." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l-incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell'antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall'esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell'articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76**).**

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:-

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attrici hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* abbazi tal-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propositu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibilta` fizika ta' koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita` tieghu bil-fatt li dik l-impossibilta` fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu l-possibilta` li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita` tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita` ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi,*

*fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilta` li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel jew minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita` lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita` jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistghax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri ikun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond **l-artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok abbazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u f'dik il-kwalita` haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid **jew** tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, ……… li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** mal-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibilta` fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** ……… jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa ….. u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilta` fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provvedimenti tal-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas*

*ta' att ta' twelid* <u>*jew*</u> *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz …… il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP) u **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciz fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP.

Illi applikati l-principji fuq esposti ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din l-Qorti li l-istess minuri ma hijiex effettivament u bijologikament bint il-konvenut assenti William, u dan jinsab kkonfermat mit-testijiet xjentifici li saru mill-Espert Xjentifiku Christoper Farrugia li esebiti fic-certifikat tieghu datat 20 ta' Frar 2002, u li minnhom jirrizulta li dawn l-ezamijiet *"Illi l-missier bijologiku ta' Kyle huwa Anthony Satariano"*.

Illi fil-fatt dan l-istess certifikat jipprovdi li:-

*"Ir-rizultati tal-Indici ta' Paternita` Kombinata (Combined Paternity Index) juru li Anthony Satariano aktar minn elf miljun darba li aktarx huwa l-missier biologiku milli kieku ma jigux minn xulxin. Din il-probabilta` hija ta' mill-anqas 99.99%".*

Illi mill-ftit provi prodotti jirrizulta wkoll li l-istess minuri qatt ma kienet ikkunsidrata bhala bint il-konvenut, b'dan ghalhekk li certament ma jistghax jinghad li l-istess minuri qatt kellha l-istat ta' bint legittima tal-konvenut, li anke ghaliex l-istess attrici nformat mill-ewwel lill-konvenut bir-relazzjoni extra-maritali taghha ma' terza persuna, l-istess konvenut mill-ewwel tilef l-interess fl-istess tarbija, u qatt ma kkunsidraha bhala tieghu, u dan bbazat fuq l-ammissjoni tal-istess attrici mieghu stess, anke ghaliex l-istess attrici kienet ilha separata *de facto* mill-konvenut mis-sena 1994, tant li l-konvenut kien baqa' jghix fil-Wigna

Court Hotel fejn kien jahdem bhala Manager, mentri l-attrici kienet qed tghix fid-dar matrimonjali, sakemm f’Settembru 1996 hija lanqas baqghet tghix hemmhekk u marret tghix mal-attur Anthony Satariano, u harget tqila proprju f’Settembru 1996 meta kienet gja` tikkoabita mal-attur.

Illi fil-fatt tant jirrizulta li dan huwa korrett u anke pacifiku mill-partijiet involuti fil-kaz, li l-konvenut assenti qatt ma vanta ebda dritt fuq l-istess minuri anzi fi proceduri ta’ divorzju li huwa istitwixxa f’Colchester County Court huwa ddikjara li ma kellux tfal miz-zwieg tieghu mal-attrici u wkoll li martu kienet qed tghix ma’ persuna ohra, u kienet welldet tarbija mir-relazzjoni ta’ bejniethom.

Illi fil-fatt l-attrici tghid hekk fl-affidavit taghha tal-25 ta’ Mejju 2001:-

*“Nikkonferma li bejn 300 gurnata sa 180 gurnata qabel it-twelid tat-tarbija jiena qatt ma kelli kuntatti ma’ zewgi. Anzi, nghid li anke qabel 300 gurnata mit-twelid kont waqqaft kull kuntatt ma’ zewgi”*

*“Kyle qed jitrabba minni u minn missieru, Anthony Satariano.  Ghandu l-istat fattwali ta’ iben naturali tieghi u ta’ Anthony Satarariano.  Min-naha tieghu, l-attur imantnih u jassumi r-responsabiltajiet kollha ta’ missier”.*

Illi fil-fatt mix-xhieda ta’ P.S. 1375 Anthony Camilleri tas-26 ta’ April 2001 quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea, jirrizulta li l-konvenut William Patrick Casby telaq minn Malta definittivament fil-25 ta’ Awissu 1998 u minn dak iz-zmien ma regghax gie lura Malta, u allura ma hemmx dubju li l-minuri dejjem baqa’ ma’ ommu u l-attur li tratta l-istess wild bhala tieghu.

Illi fil-fatt l-attur Anthony Satarianio fl-affidavit tieghu tal-15 ta’ Jannar 2001 sostna li huwa kien iltaqa’ mal-attrici f’Mejju 1996 meta hija kienet gja` qed tghix separatament minn zewgha, u f’Settembru 1996 bdew jghixu huma flimkien u dan anke meta twieled Kyle fl-4 ta’ Awissu

1997, u hekk baqghu jaghmlu sa llum tant li l-istess minuri trabba miz-zewgt atturi bhala wild naturali taghhom.

Illi din ix-xhieda flimkien mad-dikjarazzjoni tal-omm *ai termini* tal-**artikolu 70 (2) tal-Kap 16,** fejn hija stess ddikjarat u xehdet li l-istess minuri ma hijiex it-tarbija ta' zewgha, liema dikjarazzjoni ghalkemm waheda mhux bizzejjed, xorta ghandha l-piz taghha, u meta maghquda mal-fatti u testijiet medici fuq esposti, iwasslu ghall-konvinciment car, palez u l-unika wiehed li jista' jitqies bhala possibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, u cjoe' li l-konvenut William Patrick Clasby ma huwiex il-missier naturali u effettiv tal-istess minuri, u fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-istess minuri dejjem gie meqjus, inkluz mill-partijiet kollha nvoluti f'din il-kawza (hlief ovvjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku) li huwa wild ta' l-istess Anthony Satariano u l-attrici Rose Clasby, u dan huwa accettat, in vista tal-ezamijiet xjentifici li saru, anke mill-kuratur deputat fin-nota tieghu tat-22 ta' Lulju 2002, u ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif ser jigi ndikat aktar 'il quddiem mill-Qorti.

Illi hawn din il-Qorti qed tikkoferma l-principji ndikati fis-sentenza **"Ivan Felice vs George Valletta et"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000) fejn inghad li *"apparti dan hemm id-dikjarazzjoni tal-istess omm, li ghalkemm waheda ma hijiex bizzejjed ai termini tal-**Artikolu 70 (2) tal-Kap 12,** xorta ghandha mportanza massima f'dawn il-materji, specjalment meta hija kkorroborata minn xhieda ohra, bhal ta' zewgha, u tal-missier reali tal-istess minuri, u dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-prova permezz ta' xhieda tkun ukoll saret f'dan is-sens"*. (**"George Grech vs Nazzareno Grech"** N.A. 30 ta' April 1998- Citaz. Numru. 2011/96 u **"Noelle Spiteri et vs Ernest Cilia et"** tat-30 ta' Jannar 1998 - Citaz. Nru. 979/97/NA; u **"Mario Attard Flores vs Theresa Attard Flores et"-** RCP 2 ta' Dicembru 1998 - Citaz. Numru. 2488/97/RCP.)

Illi f'dan il-kaz tali provi huma supplimentati b'mod konkluziv mit-testijiet xjentifici li saru mill-espert xjentifiku imqabbad mill-Qorti, li jipprovaw b'mod konklussiv li l-istess minuri ma huwiex wild tal-konvenut, izda tal-attur

Anthony Satariano, u ghalhekk fid-dawl ta' l-istess din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li taddotta l-konkluzjonijiet xjentifici raggunti, bhala taghha u dan ghaliex ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali, xjentifici jew medici raggunti kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament xjentifika, din il-Qorti ma tistghax tinjorahom u dan *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi fis-sentenza **"Corinne James vs Lucian Borg"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) inghad li *"dan ghandu aktar importanza u rilevanza fuq ezamijiet medici, xjentifici u genetici, peress li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-izvilupp li sar fix-xjenza u fil-kamp genetiku in partikolari, tant li dan gie llum rikonoxxut mill-ligi skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 70 (3) tal-Kap 16,** tinghata mportanza lill "ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz", tant li l-Qorti taghti piz ghall-fatt ta' rifjut ta' parti li taghmel l-istess testijiet, u dan peress li huwa fatt maghruf li l-istess testijiet genetici llum huma precizi, specjalment fejn tigi eskluza l-paternita` koncernata u li dwarha jkun hemm kontestazzjoni fil-kawza".*

Illi ghalhekk anke abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha in kwantu l-istess huma nkompatibbli u nkonsistenti mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur Anthony Satariano hu l-missier naturali tal-minuri Kyle Clasby li twieled fl-erbgha (4) ta' Awissu tas-sena 1997 (Dok "A") u dan in sostituzzjoni tal-konvenut William Patrick Clasby;

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni fic-certifikat tat-twelid fuq imsemmija (Dok "A") fil-paragrafi kollha li jirrigwardaw it-taghrif ta' *missier it-tarbija* billi jindika f'dawn il-paragrafi, b'sostituzzjoni ghal dak li hemm fihom, id-dettalji kollha ta' Anthony Satariano li twieled fis-26 ta' Marzu 1951, bin John Satariano, tal-Karta tal-Identita' Numru 313651(M) u d-dettalji kollha li jinsabu ndikati fic-certifikat tat-Twelid relattiv tal-istess Anthony Satariano, sabiex dawn jigu nseriti fic-certifikat tat-Twelid tal-minuri Kyle Numru 3395/97) inkluz l-inserzjoni ta' isem u kunjom Anthony Satariano bhala missier it-tarbija, u d-dettalji rigwardanti l-professjoni, mestier jew stat iehor, eta', twelid u residenza u isem u kunjom u dettalji ta' missier l-istess Anthony Satariano fil-kolonni appoziti u korrezzjonijiet ohra opportuni nkluz zidiet, sostituzzjonijiet u modifiki ohra li jista' jkun hemm bzonn fic-citat Att tat-Twelid li jindikaw li Anthony Satariano huwa effettivament missier l-istess minuri, u kull riferenza ghall-konvenut William Patrick Clasby bhala missier l-istess minuri ghandha tigi kancellata, inkluz il-kliem *"the said"* mill-kolonna li tirreferi ghall-partikolaritajiet tal-omm.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez tal-istess attrici.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-istess attrici u l-attur Anthony Satariano, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Ottubru 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Ottubru 2002**